# "Jehtieg Izda li Naslu fi Gzira" Atti 27:26




Għeżież Kollegi,

Iż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tal-Mosta qiegħda tistedinkom biex tingħaqdu magħna fil-mixja ta' katekeżi li sejrin nagħmlu qabel il-miġja tal-Papa Benedittu XVI f'pajjiżna. Il-ħsieb tagħna hu li jkollna ċ-ċans biex flimkien ngħaddu mumenti ta' talb u tagħlim biex permezz tiegħu nipreparaw lilna nfusna għal din l-esperjenza li ser ngħaddu minnha. Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ qiegħda tikkummissjona liż-ŻAK Mosta sabiex dawn il-katekeżi isiru bħala parti mill-mixja tal-Knisja f'Malta maż-żgħażagħ lejn il-laqgħa tagħhom mal-Papa Benedittu nhar it-18 ta' April.

Bejn l-24 ta' Jannar u l-14 ta' Frar ser issir mixja fejn kull nhar ta' Ħadd għal erba' ġimgħat ser niltaqgħu u flimkien nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Wara dan il-mument ser ikun hemm ħin fejn il-membri taż-ŻAK Mosta flimkien mad-Djaknu Rev. Blake Camilleri ser ikunu qegħdin iwasslu katekeżi bbażati fuq il-kitbiet tal-Papa Benedittu XVI fid-dawl tat-tema magħżula għal din il-miġja "jeħtieġ iżda li naslu fi gżira" Atti 27:26.

L-attivitajiet imsemmija ser isiru kif ġej:

**24 ta' Jannar 2010**

Ser nieħdu sehem fil-quddiesa tad-9:00 am li ser issir fil-Kappella Ġesù Feddej fiż-Żona ta' Santa Margerita il-Mosta. Wara l-quddiesa jkun hemm il-katekeżi immexxija mid-Djaknu Blake Camilleri fl-istess kappella.

**31 ta' Jannar 2010**

Ser nieħdu sehem fil-quddiesa tat-8:00 am li ser issir fil-Kappella taċ-Ċentru Santa Andrija fiż-Żona taż-Żokrija l-Mosta. Wara l-quddiesa jkun hemm il-katekeżi immexxija mid-Djaknu Blake Camilleri fl-istess kappella.

**7 ta' Frar 2010**

Ser nieħdu sehem fil-quddiesa tad-9:00 am li ser issir fil-Kappella Marija Omm il-Knisja fiż-Żona Ta' Mlit il-Mosta. Wara l-quddiesa jkun hemm il-katekeżi immexxija mid-Djaknu Blake Camilleri fl-istess kappella.

**14 ta' Frar 2010**

Ser nieħdu sehem fil-quddiesa tal-10:00 am li ser issir fil-knisja Arcipretali tal-Mosta. Wara din il-quddiesa ser issir mixja mil-Knisja għall-Oratorju Qalb ta' Ġesù f'forma ta' purċissjoni. Fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù ikun hemm il-katekeżi immexxija mid-Djaknu Blake Camilleri u l-għeluq tal-mixja tal-Katekeżi.

Filwaqt li nittamaw li jkollna opportunita' fejn ningħaqdu flimkien għal din l-esperjenza napprezzaw jekk tibgħatu tinformawna jekk inthomx sejrin tingħaqdu magħna u jekk iva meta. Il-parteċipazzjoni ta' kulħadd hija mod kif flimkien naħdmu biex insaħħu l-ħidma tagħna fost iż-żgħażagħ kollha.

Dejjem tiegħek,
Martin Chetcuti
ZAK Mosta Youth Worker

ZAK MOSTA
C/o 67/2
Main Street
Mosta MST 1012

Website: [www.zakmosta.org](http://www.zakmosta.org)
Info line: 7985 6471